MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Numru. 442/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Priscilla Caruana**
**Spettur Kevin Pulis]**

**vs**

**Reuben Alessandro Abela**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Reuben Alessandro Abela detentur tal-karta tal-identita` numru 587090(M).

Akkuzat talli bejn ix-xahar ta’ Marzu u April 2012:
Ikkommetta serq minn gewwa 26, Juno Triq Gorg Gravina, Marsaxlokk, ghad-dannu ta’ Joanna Grech, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94)

izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok u bil-persuna;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

U aktar talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar l-14 ta' Gunju, 2011 inghata sentenza taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ghal tlett snin mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D.

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat il-verbal tal-parte civile fejn talbet illi l-imputat ma jinghatax piena karcerarja ghaliex dan ikun ifisser li l-imputat ma jmantnix it-tarbija li ghandhom flimkien;

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fis-sebgha (7) ta' Mejju, elfejn u tnax (2012), u kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex jirregola ruhu;

Rat illi r-resfurtiva giet ritornata lill-vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 267, 268, 269, 279(b), 280(1) 334, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446 qeghda ssib lill-imputat Reuben Alessandro Abela hati tal-akkuzi migjuba kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B (2) (b) qed testendi s-sentenza originali deciza mill-Magistrat Saviour Demicoli li

kienet ta' sitt (6) xhur sospiza ghal tlett (3) snin u tbiddilha ghal tmien (8) xhur sospizi ghal erba' (4) snin.
Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------